**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 335/2022**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**-Vs-**

**CELAINE THEUMA**

**Illum, 17 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **CELAINE THEUMA,** ta' 34 sena, bint Anthony u Antoinette nee Sultana, imwieled l-Pieta' nhar it-08/01/1988, u residenti ġewwa 59 'Dixie Lilly' Triq il-Malvizz Fgura, detentriċi tal-karta tal-identita' numru: 28488M.

Nakkużaha talli nhar l-4 ta' Mejju 2022, fil-ħinijiet ta' wara nofs in-nhar, ġewwa' St James Dental Clinic' sitwat fi' Triq ir-Rebħa Rabat Malta, ikkommettiet serq ta' flus kontanti għad-detriment ta' Jessica Lupi, liema serq huwa aggravat bil-

valur, persuna, bi ksur tal-***Artikoli 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Nakkużaha wkoll talli fid-data, lok, ħinijiet u ċirkostanzi imsemmija qabel ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża (*sena priġunerija sospiżi għal tlett snin*) mogħtija minn Qorti tal-Maġistrati nhar it-28 ta' Novembru 2019.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tikkonsidra lil Celaine Thuema bħala reċidiva, b'sentenzi li huma defenittivi u ma jistgħux jiġu mħassra u dan ai termini tal-***Artikoli 49u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali fis-27 ta' Lulju 2022 a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' April 2023, l-imputata reġistrat ammissjoni tal-ħtija tagħha għar-reati kollha addebitati fiċ-ċitazzjoni iżda wara li tatha żmien sabiex tirrikonsidra din l-ammissjoni u wara li spjegatilha l-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni tagħha dwar ħtija, l-imputata rtirat din l-ammissjoni;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lid-difiża tiddikjara li m'għandhiex provi xi tressaq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tat-8 ta' Meju 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata tinsab mixlija b'akkuża ta' serq aggravat bil-kwalifiki tal-persuna u l-valur kif ukoll li kkommettiet dan ir-reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża u bl-addebitu tar-reċidiva.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi, jirriżulta illi l-imputata kienet impjegata minn Dr. James Galea, dentist, bħala dental assistant u kienet taħdem fil-klinika tiegħu bl-isem St. James Dental Clinic ġewwa r-Rabat, Malta. Fl-4 ta' Mejju 2022, Dr. Jessica Lupi, dentista li taħdem fl-istess klinika, sabet €400 fi flus kontanti neqsin mill-portmoni tagħha li hija kienet ħalliet waqt il-ħin tax-xogħol fuq il-bank tal-kċina tal-klinika fejn kellu aċċess kull min kien jaħdem fil-klinika. Iktar tard dakinhar stess, dawn il-flus kontanti instabu fid-dustbin tat-toilet tal-klinika wara illi Dr. James Galea kien bagħat għall-impjegati kollha tal-klinika biex jikkonfrontahom dwar is-serqa. Wara li nstabu l-flus, l-imputata stqarret li kienet hi li kienet serqithom mill-portmoni ta' Dr. Jessica Lupi. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Dr. Jessica Lupi illi l-imputata kienet bagħititlha messaġġ fuq *Facebook messenger* fejn skużat ruħha magħha għal dak li kien ġara[1].

Fl-istqarrija li rrilaxxat lil PS 2224 Suzanne Mifsud fit-3 ta' Ġunju 2022, wara li ngħatat id-drittijiet legali tagħha u kienet ikkonsultat ukoll ma' avukat, l-imputata stqarret li hija kienet taħdem ġewaw St. James Clinic, fir-Rabat u li fl-4 ta' Mejju 2022 hija kienet ħadet il-flus mill-portmoni ta' Dr. Jessica Lupi, li kien jinsab fil-kċina tal-klinika. B'kollox ħadet €400 konsistenti f'żewġ karti ta' mitt Euro kull waħda u erba' karti ta' ħamsin euro kull waħda u poġġiethom fil-but tal-flokk tal-uniformi tagħha u żammithom hemm. Stqarret ukoll li meta Dr. Jessica Lupi sabet il-flus neqsin mill-portmoni tagħha, l-imgħallem tagħha għajjat lill-impjegati kollha biex ikellimhom fil-kċina iżda qabel telgħet fuq, hija tefgħet il-flus li serqet fil-bin tat-toilet li jużaw il-

[1] Messaġġi stampati Dok. JZ1.

pazzjenti, li jinsab fis-sular t'isfel. Qalet ukoll li meta kellimha l-imgħallem tagħha dwar il-flus neqsin mill-portmoni ta' Dr. Jessica Lupi hi ma qaltlu xejn, iżda meta ftit tal-ħin wara huwa kien sab il-flus fil-bin tat-toilet u staqsa lill-impjegati min minnhom kien ħa l-flus, hija kienet ammettiet miegħu li kienet hi li serqithom[2].

Din il-konfessjoni l-imputata reġgħet tennietha fl-4 ta' Ġunju 2022 fi stqarrija oħra li rrilaxxat waqt li kienet interrogata mill-Ispettur Godwin Scerri[3] fejn għal darb'oħra ammettiet li fl-4 ta' Mejju 2022 waqt li kienet xogħol ġewwa St. James Dental Clinic, hija kienet serqet il-flus mill-portmoni tad-dentista Dr. Jessica Lupi iżda kif indunat li l-flus insterqu u l-imgħallem tagħha, Dr. James Galea bagħat għaliha u għall-ħaddiema l-oħra biex ikellimhom dwar il-flus neqsin, hija kienet poġġiethom fid-dustbin tat-toilet. Stqarret ukoll li meta l-flus instabu fil-bin, hija kienet ammettiet mal-imgħallem tagħha li kienet hi li ħadet il-flus u poġġiethom fil-bin. Qalet ukoll li kienet skużat ruħha ma' Dr. Jessica Lupi iktar tard.

Ikkunsidrat;

Illi minn dan kollu, senjatament il-konfessjoni bla tlaqliq tal-imputata lil PS 2224 Suzanne Mifsud u lill-Ispettur Godwin Scerri, liema konfessjoni tkompli tafferma l-fatti li xehdu dwarhom b'mod inkontestat Dr. James Galea u Dr. Jesspica Lupi, il-Qorti ma għandha ebda dubju kwalsiasi li l-imputata serqet flus kontanti fil-valur ta' €400 mill-portmoni ta' Dr. Jessica Lupi fl-4 ta' Mejju 2022. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Dr. James Galea kif ukoll mill-istqarrija tal-imputata nnifisha, li hija kkommettiet dan ir-reat minn fuq il-post tax-xogħol tagħha, ċioe' mill-klinika fejn kienet taħdem, u dan għad-detriment ta' dentista li kienet taħdem fl-istess klinika.

---

[2] Ara xhieda ta' PS 2224 Suzanne Mifsud , 28 ta' Lulju 2022, u wkoll il-verżjoni fuq l-okkorrenza Dok. SM1 fejn jirriżulta li l-imputata stqarret ukoll li jiddispjaċiha.

[3] Stqarrija Dok. GS3, paġna 28 tal-atti proċesswali.

Dan ifisser illi s-serq huwa aggravat mhux biss bil-kwalifika tal-valur kif definit fl-Artikolu 267 tal-Kap. 9, għaliex tal-ħaġa misruqa tiswa iktar minn €232.94, iżda wkoll bil-kwalifika tal-persuna għaliex l-imputata wettqet is-serqa mill-post fejn kienet taħdem għall-fini tal-impieg tagħha u kellha aċċess għall-kċina minn fejn insterqu dawn il-flus, sewwasew minħabba l-impieg tagħha.

Għaldaqstant, sejra tinstab ħatja tal-ewwel imputazzjoni kif addebitat.

Ikkunsidrat;

L-imputata ġiet mixlija wkoll li kkommettiet ir-reat ta' serq, li huwa reat punibbli bil-priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża. Il-Prosekuzzjoni ressqet il-prova li Celaine Theuma ġiet ikkundannata permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Novembru 2019, għal sena priġunerija, liema sentenza ġiet sospiża bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 għal żmien tliet snin. Kopja awtentikata ta' din is-sentenza ġiet esebita fl-atti proċesswali[4] bix-xhieda ġuramentata tal-Assistent Reġistratur tal-Qorti[5] li kkonfermat ukoll li ma kienx ġie interpost appell minn din is-sentenza.

Minn eżami ta' din is-sentenza jirriżulta illi l-persuna kkundannata għandha l-istess numru tal-karta tal-identita', 28488M, tal-imputata odjerna, Celaine Theuma u għalhekk huwa ppruvat li hija l-istess persuna li ġiet ikkundannata bis-sentenza tat-28 ta' Novembru 2019. Jirriżulta wkoll illi meta l-imputata kkommettiet ir-reat ta' serq fl-4 ta' Mejju 2022, il-perijodu ta' tliet snin speċifikat fl-ordni għas-sospensjoni tas-sentenza, mogħtija fit-28 ta' Novembru 2019, kien għadu ma skadiex. Dan ifisser illi r-reat sar fil-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża kif addebitat fit-tieni imputazzjoni u jsibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9.

---

[44] Dok. SCT1.

[5] Xhieda tad-19 ta' Jannar 2023.

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija wkoll li hi reċidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Billi hija ġiet ikkundannata għal reat bis-sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, liema sentenza għaddiet f'ġudikat għaliex, kif jirriżulta mix-xhieda tal-Assistent Reġistratur tal-Qorti, ma ġiex interpost appell minnha, huwa indiksuss li l-imputata għandha titqies bħala reċidiva għall-fini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

Iżda l-Qorti ma taqbilx li l-imputata tista' titqies bħala reċidiva taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9. Dan jipprovdi:-

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Biex persuna titqies bħala reċidiv taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9, jeħtieġ li l-piena għad-delitt li dwaru l-persuna ġiet ikkundannata, (i) tkun ġiet skontata u (ii) il-persuna tikkommetti delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn meta ġiet skontata l-piena jekk iż-żmien tal-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin fil-każijiet l-oħra kollha.

Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, hu evidenti li għalkemm l-imputata ġiet ikkundannata għal delitt bis-sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, il-piena erogata fis-sentenza ma ġietx skontata sad-data meta kkommettiet id-delitt li dwaru sejra tinstab ħatja. Fir-rigward, is-subartikolu (5A) tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 jipprovdi:-

"*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28F, il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50,* ***titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu***

***operattiv** oriġinali msemmi fis-subartikolu (1) jew tal-perjodu operattiv magħmul minfloku kif provdut fl-artikolu 28B(2)(b).*" (emfasi tal-Qorti)

Kif diġa' stabbilit, is-serqa twettqet fl-4 ta' Mejju 2022 meta l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża kien għadu fis-seħħ u kien għadu ma skadiex. Għalhekk, għalkemm id-delitt ta' serq ġie kommess sewwasew fil-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża tat-28 ta' Novembru 2019, dik is-sentenza li ġiet sospiża ma kienetx għadha ġiet skontata meta ġiet kommessa s-serqa u għaldaqstant, l-imputata ma tistax titqies li hija reċidiva għall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputata ammettiet minnufih mal-Pulizija li kienet serqet il-flus għad-detriment ta' Dr. Jessica Lupi. Barra dan, il-fatt li hija skużat ruħha iktar minn darba għas-serq tal-flus u huwa stabbilit li dawn il-flus ġew ritornati lill-vittma dakinhar stess tar-reat. Jirriżulta wkoll li fiż-żmien meta kkommettiet din is-serqa l-imputata kienet għaddejja minn żmien diffiċli fejn jidher li kienet qed tiġi magħfusa biex trodd xi flus lil terzi persuni li hija qalet li kienu qegħdin jiġru warajha, u waqgħet għat-tentazzjoni meta rat il-portmoni waħdu fil-kċina. Ma jidhirx li l-imputata għandha xi vizzji u minn dak li stqarret hija stess fl-interrogazzjoni tagħha[6], m'għadx għandha problema bid-dejn. Għaldaqstant, sejra tagħti piena li toqrob lejn il-minimum.

Il-Qorti hi wkoll sodisfatta li l-imputata rikonoxxiet il-gravita' tal-azzjonijiet tagħha u fil-qies ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha, senjatament il-fatt li hija ammettiet għas-serqa u ritornat il-flus minnufih u skużat ruħha ta' dak li għamlet, tqis li ma jkunx ġust li tagħmel ordni biex is-sentenza sospiża tidħol fis-seħħ u jidhrilha li għandha minflok tuża s-setgħet tagħha taħt l-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kap. 9 biex tastjeni milli tagħmel ordni taħt l-Artikolu 28A tal-Kap. 9.

[6] 4 ta' Ġunju 2022, Dok. GS3.

**Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 20, 261(ċ)(d), 267, 268(d) u 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9, qiegħda ssib lil CELAINE THEUMA ħatja tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikolu 49 iżda mhux taħt l-Artikolu 50, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannaha sittax (16) il-xahar priġunerija, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tliet snin mil-lum il-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. In kwantu għat-tieni imputazzjoni filwaqt issib lil CELAINE THEUMA ħatja li kkommettiet reat waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża mogħtija fit-28 ta' Novembru 2019, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tastjeni milli tagħmel ordni taħt l-Artikolu 28B(1) tal-istess Kapitolu 9.**

**Għall-fini tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li fiċ-ċirkostanzi kollha, senjatament il-fatt li l-imputata ammettiet għas-serqa u ritornat il-flus minnufih u skużat ruħha diversi drabi ta' dak li għamlet, tqis li ma jkunx ġust li tagħmel ordni biex is-sentenza sospiża tidħol fis-seħħ.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali ghall-fini tal-Art. 28A (8) tal-Kap 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**